# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 121/2016**

Il-Pulizija

vs

**Francis Bonnici**

iben Joseph, imwieled Pieta', fis-6 ta' Gunju, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 301865(M)

Illum, 4 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Francis Bonnici quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xahar ta' Jannar, 2015 naqas li jaghti lil Chiara Peresso s-somma ffissta minn dik il-Qorti jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax- il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kutratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u illiberatu li ma jikkomettix reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, in oltre ordnat lill-akkuzat ihallas is-somma ta' hames mitt euro (€500) fi zmien xahar skont l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Francis Bonnici pprezentat fit-8 ta' Marzu, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet htija u il-piena nflitta fuqha dik tal-applikazzjoni tal-artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal xahar u ordnatlu sabiex ihallas s-somma ta' hames mitt euro (€500) fiz-zmien xahar bl-applikazjoni tal-artiklu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok l-esponenti jaghmel referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni li huwa ezebit fejn juri bic-car illi minkejja li hemm l-ammont ta' manteniment dan il-menteniment qieghed jigi kkancellat ghax l-esponenti ceda l-propjeta' tieghu favur l-kwerelanta. Bir-rispett kollu huwa rrilevaneti l-allgezzjoni li l-kwerelanta hadet zball meta ffirmatu u ma kinetx l-intenzjoni taghha li jigi ffirmat dak il-kuntratt. Huwa wkoll irrilevanti l-allegazjoni li l-post li hadet kellha dejn mieghu. Li huwa rilevanti u importanti mill-aspett ta' din l-kawza huwa l-fatt li l-kwerelanti accettat li l-manteniment jigi ekwiparat bil-propjeta' li hadet u fil-fatt il-kuntratt jistipula li l-manteniment ghandu jigi kkancellat minhabba l-fatt li l-esponenti ceda s-sehem tieghu fl-uniku propjeta' tieghu favur il-mara. Dan gie spejagt lilha min-nutar u kellha l-assistenza tal-avukat taghha.

Illi l-kwerelanta pprovat tezebixxi ittri fejn l-esponenti kien lest li jhallas manteniment pero' wkoll bir-rispett kollu dan huwa rrilevanti ghal-fini tal-akkuza. L-akkuza hija cara u specifika li jithallas il-manteniment biss jekk huwa stipulat fil-kuntratt bhala manteniment u dan jirrizulta car u tond li fil-kuntratt l-obbligu ta' manteniment gie kkancellat minhabba l-ekwiparazzjoni li saret u dak li huwa miftiehem u sanat mill-Imhallef u bir-rispett kollu dak li ghandu jiddeciedu fuqu din l-Onoarbbli Qorti.

Tant hu hekk illi fis-sentenza datata 4 ta' Settembru, 2015 deciza minn din l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza mill-Magistrat Dr. A.J Vella liema kawza kriminali kienet kontra l-istess Francis Bonnici fejn gie akkuzat li ma tax manteniment lill-istess kwerelanta jigifieri Chiara Peresso ghax-xhur ta’ Jannar 2014 sa Lulju 2014 din l-istess Onorabbli Qorti kienet illiberat lill-istess akkuzat Francis Bonnici fuq l-istess akkuzi u l-anqas ma sar appell minn din il-kawza b'hekk gie reza res judikata u ghalhekk din l-istess Onorabbli Qorti fuq l-istess mertu llum sabet lill-esponenti hati tal-istess akkuzi li ftit ta' xhur qabel kienet illiberatu. Dan il-fatt gie wkoll a konjizzjoni tal-Onoarbbi Qorti tal-ewwel Istanza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravji li gab l-appellant huma ndikati hawn fuq. Madanakollu ngab a konjizzjoni ta' din il-Qorti li l-akkuza ta' dan l-appell, jigifieri l-manteniment ghax-xahar ta' Jannar, 2015 jifforma parti ta' citazzjoni ohra li giet deciza mill-ewwel Qorti fit-13 ta' Gunju, 2016.

Illi hu car li persuna ma tistax tigi akkuzata darbtejn fl-istess fatt b'citazzjonijiet separati u dan il-fatt gie koncess mill-partijiet.

Illi din il-Qorti ma ghandha ebda triq ohra hlief li tillibera l-appellant minn din l-akkuza migjuba kontra tieghu meritu ta' dan l-appell.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni din il-Qorti tilqa l-appell ta' Francis Bonnici. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-istess Francis Bonnici minn kull htija u piena.